# QORTI KOSTITUZZJONALI

## IMĦALLFIN

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**ONOR. IMĦALLEF ANTHONY ELLUL**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 10 ta' Ottubru, 2022.**

**Numru 1**

**Rikors numru 454/21/1 ISB**

**Anna Vassallo ġia` Spiteri**

**v.**

**Avukat tal-Istat**

1. B'rikors preżentat fis-27 ta' Ġunju 2022 l-attriċi appellat minn digriet tal-Qorti Ċivili, Prim' Awla tat-22 ta' Ġunju 2022 li bih iddikjarat magħluq l-istadju tal-provi tagħha. Dan wara li l-ewwel Qorti tat lill-attriċi permess sabiex tappella mid-digriet li ngħata waqt dik is-seduta.

2. Il-fatti rilevanti huma dawn:

i. Fis-6 ta’ Lulju 2021 l-attriċi fetħet kawża li biha qed tilmenta minn ksur tal-jedd fundamentali għal smigħ xieraq fil-kawżi 35/2017 (**Mario Spiteri v. Anna Spiteri**) u 272/2017 (**Anna Vassallo v. Mario Spiteri et**) quddiem il-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja), minħabba li qiegħda tallega li l-Imħallef li qed tippresjedi f’dik il-Qorti mhijiex imparzjali wara kummenti li allegatament għaddiet il-ġudikant fil-konfront tal-attriċi. Jirriżulta li fit-18 ta’ Mejju 2022 l-attriċi rrinunzjat għall-kawża 272/2017.

ii. Wara deċiżjoni preliminari li ngħatat fl-24 ta’ Settembru 2021 u li biha l-ewwel Qorti ċaħdet it-talba tal-attriċi sabiex twaqqaf il-kawżi fuq imsemmija quddiem il-Qorti tal-Familja, il-kawża tħalliet għas-seduta tat-18 ta’ Novembru 2021 sabiex l-attriċi tippreżenta affidavits u għall-egħluq tal-provi. Dan wara li f’dik is-seduta d-difensur tal-attriċi ddikjara li l-attriċi *“sejra tressaq il-provi tagħha permezz ta’ affidavits”*.

iii. Is-seduta tat-18 ta’ Novembru 2021 ma saritx u l-kawża tħalliet għas-seduta tad-19 ta’ Jannar 2022.

iv. Fis-seduta tad-19 ta’ Jannar 2022 l-attriċi talbet iktar żmien sabiex tippreżenta l-affidavit tagħha peress li kienet indisposta. Id-difensur tal-konvenut m’oġġezzjonax. Il-Qorti laqgħet it-talba u tat lill-attriċi sas-seduta tad-9 ta’ Marzu 2022 sabiex l-attriċi tkompli tressaq il-provi.

v. Fis-seduta tad-9 ta' Marzu 2022 l-attriċi ppreżentat l-affidavit tagħha. Id-difensur tal-attriċi li fil-mori tad-differiment li jmiss ser jippreżenta l-affidavit tiegħu flimkien ma' xi dokumenti. L-ewwel Qorti tat lill-attriċi sal-aħħar ta' Mejju 2022 u ħalliet il-kawża għall-provi tal-konvenut għas-seduta tat-22 ta' Ġunju 2022.

vi. Imbagħad fis-seduta tat-22 ta' Ġunju 2022 id-difensur tal-attriċi talab li jippreżenta d-dokumenti waqt is-seduta. Id-difensuri tal-konvenuti oġġezzjonaw minħabba li fis-seduta preċedenti l-attriċi ngħatat iktar żmien biex tippreżenta d-dokumenti u l-affidavit tad-difensur tagħha, li ma ġewx preżentati sal-aħħar ta' Mejju 2022.

vii. B'digriet mogħti waqt is-seduta l-ewwel Qorti ddeċidiet hekk:

*"Il-Qorti,*

*Rat it-talba tar-rikorrenti;*

*Rat l-oġġezzjoni tal-Avukat tal-Istat;*

*Rat dak ivverbalizzat fl-udjenza preċedenti;*

*Rat ukoll illi r-rikorrenti ilha mill-24 ta' Settembru 2021 sabiex tressaq il-provi tagħha u f'erba' seduti tressaq biss l-affidavit tagħha.*

*Fiċ-ċirkostanzi tiċħad it-talba għall-preżentata tan-nota bid-dokumenti hawn fuq imsemmija u tiddikjara provi tar-rikorrenti magħluqa"*.

3. Fir-rikors tal-appell, l-attriċi lmentat:

*"Illi wara l-ewwel seduta effettivament l-avukat sottoskritt ipprepara l-affidavit tiegħu ippreżentah.*

*Wara s-seduta tad-9 ta' Marzu 2022 meta l-qorti qalet biex ma nstabx l-affidavit l-għada l-avukat sottoskritt ħa l-kopja tal-affidavit li kienet lesta biex turiha lill-qorti biex dakinhar stess reġa' ppreżentah. Il-qorti kienet fil-verbal tad-9 ta' Marzu 2022 m'għamlitx li hemm żmien perentorju għall-provi dokumentali li kien hemm li jitressqu. Dakinhar tas-seduta tat-22 ta' Ġunju 2022 l-esponenti ppreżentat dokumenti u għal darb'oħra l-affidavit li kien sar f'Ottubru 2021 tal-avukat sottoskritt ma nstabx fl-atti.*

*Il-Qorti fuq opposizzjoni tal-Avukat tal-istat tat interpretazzjoni li l-provi tal-attriċi kienu magħluqa u ma kienet se tippermetti li jiġu preżentati dokumenti li kien hemm bl-elenku tagħhom lest u li l-affidavit li anke f'ħames minuti kien jista' jinġħieb minn fuq l-internet u kellha wkoll l-istess attriċi għaliex kopja tal-istess affidavit ingħata lilha.*

*Illi l-qorti għalhekk laqgħet l-oġġezzjoni tal-Avukat tal-Istat li l-provi kienu magħluqa*.

.............

*Meta kienet saret il-kawża fuq nuqqas ta' provi li kien jonqos, l-għada l-imħallef kien qiegħed fl-awla numru 15. Din id-darba kien fl-awla numru 16. Jiftakar sewwa li dawk il-provi kellu kwalunkwe urġenza li jlestihom u biss għal xi ħaġa li wieħed ma jistax jifhimha kif dokumenti li jkunu preżentati ġieli ma jinstabux. Il-qorti qalet illi l-esponenti setgħet ġabet riċevuta tal-affidavit li ġie ppreżentat.*

*Waqt id-diskussjoni ġie rilevant li llum peress li l-atti f'kawża pendenti ma jkunx hemm ħlas fuqhom ħlief jekk hemm taħrik ta' xhieda allura ma jagħtux irċevuti. F'dan il-każ riċevuta lanqas intalbet u ma tintalabx għaliex ikun ħela ta' żmien u ħela ta' karti għaliex tkun riċevuta ta' 0.*

...........

*Illi fuq kollox il-kwistjoni tal-provi li diġa' huma lesti kemm il-provi dokumentali u kemm l-affidavit tal-avukat sottoskritt huma lesti u dan meta l-qorti fil-verbal tad-9 ta' Marzu 2022 ma kinitx qalet li qed tagħmel terminu perentorju u fin-nuqqas kienet se tiddikjara l-provi magħluqa. Anke l-verbal tad-9 ta' Marzu kien indikazzjoni li jibde3w xi provi tal-intimat.*

*Għandu jingħad li l-provi min-naħa tal-attriċi kienu se jkunu magħluqin fi żmien pjuttost qasir ukoll minkejja dak li hemm fil-verbal.*

............

*Għandu jingħad li jekk l-esponenti kellha tispiċċa tieħu l-każ tagħha għall-eżami tal-QEDB, ma hemmx limitu għall-provi li jitressqu u mhux dawk biss li jkun hemm fil-proċess lokali".*

4. Il-konvenut wieġeb u ta r-raġunijiet għalfejn fil-fehma tiegħu din il-Qorti għandha tiċħad l-appell.

**Konsiderazzjoni**.

5. Il-Qorti tibda biex tosserva li l-fatti allegati mill-attriċi fir-rikors tal-appell, baqgħu ma ġewx ippruvati. Li att ġudizzjarju allegatament ġie preżentat darbtejn faċilment jiġi ppruvat, irrispettivament minn jekk tingħatax riċevuta jew le. Affidavit, jekk ma jiġix preżentat waqt seduta, jiġi preżentat fir-Reġistru. Fuq kull att ġudizzjarju li jiġi preżentat jingħata timbru tad-data tal-preżentata tal-att u numru. *Records* miżmuma fuq is-sistema kompjuterizzata tal-qorti. B'hekk hemm *record* tal-atti li jkunu ġew preżentati. Bħala eżempju l-Qorti tirreferi għan-nota ta' sottomissjonijiet li l-attriċi ppreżentat fit-22 ta' Lulju 2021 a fol. 14. Tagħrif faċilment rintraċċabbli. Għalhekk l-attriċi faċilment setgħet tagħmel ir-riċerka u tagħti t-tagħrif jew titlob li jitħarrek ir-Reġistru tal-Qorti sabiex jikkonferma jekk l-affidavit tad-difensur tagħha ġiex preżentat darbtejn, kif qiegħda tallega. Minn dan ma sar xejn. Ġaladarba dawn huma *records* tal-qorti, mir-riċerka li għamlet din il-Qorti ma rriżultalhiex li ġew reġistrati xi affidavits mid-data tal-ftuħ tal-kawża (6 ta' Lulju 2021). Dak li jirriżulta hu li fis-6 ta' Lulju 2021 l-attiċi ppreżentat rikors li biha fetħet il-kawża, fit-13 ta' Lulju 2021 l-Avukat tal-Istat ippreżenta t-tweġiba, fit-22 ta' Lulju 2021 l-attriċi ppreżentat nota ta' sottomissjonijiet, u l-konvenut ippreżenta nota ta' sottomissjonijiet fis-27 ta' Awwissu 2021. M'hemmx *records* ta' atti oħra li ġew

preżentati fir-Reġistru. Għalhekk dak li jingħad fir-rikors tal-appell baqa' biss allegazzjoni mingħajr ma saret prova dwaru. Dan apparti li kellu jkun fatt magħruf għall-attriċi u d-difensur tagħha li fl-atti ma kienx hemm l-affidavit tal-avukat Brincat għaliex l-atti jista' jarahom kulħadd. Għalkemm fir-rikors tal-appell intqal ukoll li fis-seduta tad-9 ta' Marzu 2022 il-Qorti qalet li l-affidavit tal-avukat Brincat ma nstabx, il-verbal ma jikkorraborax dik l-allegazzjoni. Persuna trid toqgħod attenta dwar fatti li tirrakkonta u li jibqgħu biss allegazzjoni, għaliex dan jista' fl-aħħar tal-ġurnata jimpinġi fuq il-kredibilita` tagħha.

6. L-attriċi qalet li l-ewwel Qorti ma tathiex żmien sabiex tippreżenta d-dokumenti. L-attriċi m'għandhiex raġun. Waqt is-seduta tad-9 ta' Marzu 2022 id-difensur tal-attriċi ddikjara li għandu jippreżenta l-affidavit tiegħu flimkien ma' dokumenti, u b'hekk l-attriċi tkun għalqet il-provi. L-ewwel Qorti tat lill-attriċi sal-aħħar ta' Mejju 2022 biex tippreżenta l-istess (ara verbal a fol. 39).

7. L-attriċi hi skorretta wkoll li fis-seduta tat-22 ta' Ġunju 2022 ippreżentat dokumenti. Effettivament riedet tippreżenta nota bid-dokumenti, imma t-terminu li tatha l-Qorti kien diġa` skada. Mill-verbal ma jirriżultax li l-attriċi tat raġuni għalfejn ma żammitx mat-terminu li tat l-ewwel Qorti.

8. L-atti juru biċ-ċar li l-attriċi kellha altru milli biżżejjed żmien sabiex tippreżenta l-provi tagħha, f'kawża li hi stess qalet li hi urġenti għaliex il-kawża quddiem il-Qorti tal-Familja għadha qed tinstema'. F'dan ir-rigward kellha:

i. Mill-24 ta’ Settembru 2021 sal-aħħar ta’ Mejju 2022 sabiex tippreżenta l-affidavit tad-difensur tagħha;

ii. Id-dokumenti li riedet tippreżenta setgħet tippreżentahom flimkien mal-affidavit li ppreżentat fid-9 ta’ Marzu 2022 jew sal-aħħar ta’ Mejju 2022 (ara verbal tad-9 ta’ Marzu 2022 a fol. 39).

9. L-attriċi ma ressqet l-ebda prova li fil-perjodu li ngħatat kien hemm xi impediment leġittimu għalfejn ma ppreżentatx id-dokumenti u l-affidavit tal-avukat.

10. Ovvjament qorti għandha diskrezzjoni tippermettix parti f’kawża li tippreżenta provi wara li jkun għadda ż-żmien mogħti lilha biex tressaq il-provi. F’dan il-każ l-attriċi naqset milli tressaq il-provi fiż-żmien li kellha tressaqhom, fuq perjodu ta’ żmien li ma jistax jingħad li hu qasir. Madankollu meta din il-Qorti tqis:

i. In-natura tal-kawża li qiegħda tinstema’ quddiem l-ewwel Qorti, fejn l-attriċi qiegħda tilmenta li l-ġudikant li qiegħda tippresjedi l-Qorti tal-Familja fil-kawża 35/2017 mhijiex imparzjali minħabba kummenti li allegatament għamlet waqt xi seduti. Il-Qorti għandha titpoġġa fl-aħjar pożizzjoni sabiex tiddeċiedi l-mertu dwar l-allegat ksur tal-jedd fundamentali għal smigħ xieraq;

ii. Fis-seduta tat-22 ta' Ġunju 2022 l-attriċi kellha d-dokumenti biex tippreżentahom (ara verbal tas-seduta a fol. 47);

iii. Il-fatt li l-attriċi diġa` ddikjarat li m'għandhiex iktar provi xi tressaq għajr għall-affidavit tal-avukat Brincat u d-dokumenti, il-Qorti ma tarax li l-Avukat tal-Istat ser ikun qiegħed isofri xi preġudizzju. Dan iktar u iktar meta tqis li l-kawża 35/2017 hi bejn persuni privati u f'dik il-kawża l-Avukat tal-Istat mhuwiex parti;

11. Għalhekk il-Qorti tqis li minħabba dawk iċ-ċirkostanzi partikolari u fl-interess tal-ġustizzja sabiex jiġi mistħarreġ b'mod komplet l-ilment tal-attriċi dwar l-allegat nuqqas ta' imparzjalita` soġġettiva ta' ġudikant fil-kawża li fiha l-attriċi hi parti fiha, għandha tingħata l-aħħar opportunita` sabiex tippreżenta d-dokumenti u l-affidavit tad-difensur tagħha. B'hekk l-ewwel Qorti tkun f'pożizzjoni aħjar meta tiġi biex tiddeċiedi dwar il-mertu.

Għal dawn il-motivi tilqa' l-appell u tħassar id-digriet mogħti mill-ewwel Qorti fit-22 ta' Ġunju 2022 u minflok tagħti lill-attriċi sal-aħħar ta' Ottubru 2022 sabiex tippreżenta fir-Reġistru l-affidavit tal-avukat Dr. Joseph Brincat u d-dokumenti.

L-ispejjeż tal-appell huma a karigu tal-attriċi minħabba li dan l-inċident inqala' minħabba n-nuqqas tal-attriċi li żżomm mat-termini mogħtija lilha mill-ewwel Qorti.

Ikun floku li l-ewwel Qorti tikkonsidra huwiex floku li jissejjaħ fil-kawża Dr. Mario Spiteri ġaladarba hu parti fil-kawża 35/2017 li qiegħda tinstema' quddiem il-Qorti tal-Familja.

Tordna lir-Reġistratur sabiex minnufih jibgħat l-atti lura quddiem l-ewwel Qorti.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Giannino Caruana Demajo<br>Imħallef | Anthony Ellul<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
rm